


# dan il-KUMPANN għal DiscoverEU huwa ta' ESPLORATUR TAL-UE






Isem:

Età:

Nazzjonalità:

Email:

Telefown:

Nitkellem:

Il-post favorit tiegħi fl-Ewropa:

Jekk taħbat miegħi fit-triq, tagħrafni għax:

**X'NIXTIEQ INWETTAQ PERMEZZ TAL-VJAĠĠ DISCOVEREU TIEGĦI:**



My DiscoverEU JOURNEY
NORWEGIAN SEA
NORTH SEA
BALTIC SEA
ATLANTIC OCEAN
MEDITERRANEAN SEA
N
O
E
S
Erasmus+
Youth

# L-ESPERJENZA TA' KULL PERSUNA HIJA *Unika*

Tiskopri l-Ewropa jiġifieri tiftaħ senduq b'teżor mimli kultura tal-għaġeb, storja affaxxinanti, pajsaġġi li jsaħħruk, nies interessanti u esperjenzi uniċi. Fil-vjaġġ tiegħek hemm jistennewk monumenti storiċi, avvenimenti li m'intix se tinsa, tradizzjonijiet eżotiċi u ikel lokali li jissorprendik. Hemm xi ħaġa x'tiskopri f'kull rokna.

**MA TRIDX TEMMINNA? EJJA NISIMGĦU MINGĦAND IN-NIES LI DIĠÀ VVJAĠĠAW:**



"Apprezzajt ħafna li stajt nivvjaġġa fil-libertà bla ma nqaġħod inqis il-fruntieri ġeografiċi. Kont vera sorpriż meta skoprejt kif id-differenzi bejn il-pajjiż tiegħi u Stati Membri oħrajn huma fil-fatt minimi, u li dejjem huwa possibbli tħossok qisek id-dar."
Samuele, l-Italja



"Issa li żort pajjiżi oħra mingħajr il-ġenituri tiegħi, irrealizzajt li mhuwiex daqshekk tal-biża' daqskemm stajt naħseb fil-bidu. Żgur li se nipprova nivvjaġġa iktar – jista' jkun anki waħdi fil-futur."
Linda, l-Estonja



"Kemm ħadt gost bil-fatt li fl-aħħar stajt inżur postijiet li tant kienu ilhom fuq il-lista tiegħi." Franka, il-Kroazja



"Il-vjaġġ tiegħi fakkarni fil-klassijiet tal-ġeografija, imma minflok illustrazzjonijiet fi ktieb, stajt nammira jien innifsi l-panorama ta' veru."
Patryk, il-Polonja

# Il-KUMPANN




F'idejk qed iżżomm is-sieħeb fil-vjaġġ tiegħek li jmiss madwar l-Ewropa. Dan il-Kumpann għal DiscoverEU prattiku se jgħinek torganizza ruħek qabel ma titlaq, issawwar il-memorji tiegħek waqt li tivvjaġġa u jgħinek tiftakar meta tirritorna. Se jkun miegħek waqt li tiskopri t-toroq storiċi tal-Ewropa, waqt li tammira xogħlijiet artistiċi sbieħ f'mużewijiet famużi u meta tiltaqa' ma' vjaġġaturi oħrajn li qed isegwu r-rotot uniċi tagħhom madwar l-UE. F'idejk biex timlieh b'noti, stickers, biljetti tal-ferrovija, tpinġijiet, ritratti u kwalunkwe ħaġ'oħra li se tgħinek tiftakar din l-esperjenza straordinarja. Wara dan, se jkun il-gwida ta' referenza biex issir Ambaxxatur mill-aqwa ta' DiscoverEU!

**Inkludejna xi suġġerimenti ta' x'tista' tikteb f'dan id-djarju imma ftakar – dan huwa biss għall-gost! F'idejk kif, meta u għaliex tużah.**

Fi ftit kliem, dan il-Kumpann għal DiscoverEU se jkun l-aqwa ħabib tiegħek għal dan il-vjaġġ.
(Biss tinsiehx fuq xi ferrovija!)

Ftakar, tista' tipparteċipa fil-**KOMPETIZZJONI TAR-RITRATTI DISCOVEREU BIEX TIRBAĦ PREMJIJIET KBAR!**
Ippowstja r-ritratti tiegħek fuq Instagram billi tuża' **#DiscoverEU #Competition #Companion.**

INGĦAQAD MAL-GRUPP UFFIĊĊJALI TA' FACEBOOK #DISCOVEREU BIEX TKOMPLI MA' VJAĠĠATURI OĦRA, TIEĦU XI SUĠĠERIMENTI U PARIRI, TAQSAM L-AVVENTURA TIEGĦEK, EĊĊ...

# XI FTIT AFFARIJIET *li* GĦANDEK TKUN *qabel* MA TIBDA TIVVJAĠĠA

L-Ewropa tgħaqqad nies, lingwi, tradizzjonijiet u kulturi differenti, allura meta tesploraha, jeħtieġ li turi tolleranza u rispett. Id-diversità fl-Ewropa tfisser li kulħadd għandu mod differenti kif jaħdem (u din hija ħaġa sabiħa!) imma dak li hu aċċettabbli f'pajjiż jista' jkun inqas aċċettabbli f'pajjiż ieħor.

Ibqa' uri korteżija u ibqa' edukat anki jekk is-soppa ma ttiehemx bħal tan-nanna.

IRRISPETTA D-DRAWWIET U T-TRADIZZJONIJIET TA' KULL PAJJIŻ. IĊ-ĊAJT TIEGĦEK JISTA' JDAĦĦAQ ĦAFNA LILL-ĦBIEB TIEGĦEK IMMA JISTA' MHUX BILFORS JINŻEL TAJJEB KULLIMKIEN.

ŻOMM F'KUNTATT MAL-FAMILJARI TIEGĦEK; IKUN TAJJEB LI TASSIGURAHOM REGOLARMENT.

Hu kemm għandek bżonn ħin. Għalkemm l-Ewropa għandha ħafna kulturi, pajjiżi u tradizzjonijiet, ma jfissirx li għandek tesperjenzahom kollha f'daqqa f'ġurnata waħda!

Ġib ruħek b'mod li jkun tajjeb għall-ambjent! Irridu Ewropa ekoloġika u pjaċevoli għall-ġenerazzjonijiet futuri ta' vjaġġaturi.

ĦU MIEGĦEK IL-KARTA EWROPEA TAL-ASSIKURAZZJONI TAS-SAĦĦA (EHIC), IMMA NISPERAW MA JKOLLOKX BŻONNHA!

112

F'KAŻ TA' EMERĠENZA, TISTA' ĊĊEMPEL 112 TKUN FEJN TKUN FL-EWROPA BIEX TAĊĊESSA S-SERVIZZI TAL-PULIZIJA, TAL-EMERĠENZA MEDIKA JEW TAT-TIFI TAN-NAR.

Jekk tinqalagħlek xi problema kbira, mur l-ambaxxata jew il-konsulat tal-pajjiż tiegħek. Qabel ma titlaq, qis li tieħu nota tal-indirizzi u n-numri tat-telefown tal-ambaxxata ta' pajjiżek f'kull pajjiż li qed tippjana li żżur. Weħilt? Jekk m'hemmx ambaxxata ta' pajjiżek, dejjem tista' tmur f'ambaxxata ta' pajjiż ieħor fl-UE.

# L-1 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA:

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Kemm taf dwar id-drittijiet tiegħek meta tivvjaġġa fl-Ewropa? Żur europa.eu/euandme/ biex tiskopri iktar!

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**



## *Sfida tal-ġurnata!*

Tista' tiftakar 5 kelmiet mil-lingwa lokali?

| Kelma | Traduzzjoni |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

# L-1 ĠURNATA

# L-2 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA:

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Fin-Netherlands? Qis li żżur il-villaġġ ta' Giethoorn. Minflok toroq, hemm kanali - għalhekk għandha l-laqam "Venezja tan-Netherlands".

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**



## Sfida tal-ġurnata!

Kellem lil xi ħadd tal-post!
Staqsihom x'jogħġobhom dwar il-ħajja f'pajjiżhom.

X'QALU?

# L-2 ĠURNATA

# L-3 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA:

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Iċ-ċentru antik tal-belt Awstrijaka Graz għandu iktar minn 1,000 stil differenti ta' arkitettura, mill-Barokk sal-modern. Kemm il-stil tista' tilmaħ?

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## Sfida tal-ġurnata!

Ħu ritratt tal-iktar post interessanti li żort illum. Ippowstjah fuq Instagram bil-hashtag #DiscoverEU, #Competition u #Companion.

Għandek xi ħaġa x'tixxerja? Għaliex ma żżidx xi ħaġa li tgħallimt dwar dan il-post fil-caption?

# L-3 ĠURNATA

# L-4 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA:

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Il-ġenituri ta' Andy Warhol kienu Slovakki u l-pajjiż għandu l-ikbar kollezzjoni tal-arti tiegħu barra mill-Istati Uniti. Jekk inti fan tal-Pop Art, mela s-Slovakkja huwa post li għandek iżżur!

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## Sfida tal-ġurnata!

Wasal iż-żmien biex tgħin l-ambjent! Illum iġbor 5 biċċiet żibel minn madwar il-belt.

Kemm hi ekoloġika l-belt fejn tinsab bħalissa? Għandhom roti għall-kiri? X'jistgħu jagħmlu aħjar?

# L-4 ĠURNATA

# L-5 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Il-lag Balaton f'l-Ungerija huwa l-ikbar lag f'l-Ewropa Ċentrali. Huwa famuż għall-bajjiet eċċellenti u allura jekk teħtieġ ftit ħin biex tirrilassa, għaliex ma tmurx hemm?

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

Illum se nagħtu ħarsa lejn il-passat. Tista' ssib ir-risposta għal dawn il-mistoqsijiet dwar l-istorja/kultura?

SUĠĠERIMENT: Għaliex ma ssaqsix lil xi ħadd tal-post biex tiskopri?

F'liema sena ġie mwaqqaf il-pajjiż fejn tinsab?

Tista' ssemmi 3 kittieba, artisti jew mużiċisti minn dan il-pajjiż?

# L-5 ĠURNATA

# L-6 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Skont il-leġġenda, meta żżur - u tbus - il-Ġebla ta' Blarney f'Cork, l-Irlanda, issib xorti tajba u elokwenza bħala rigal.

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

**AQBAD IL-LAPSIJIET!**

**Aħseb dwar il-biċċa arti favorita tiegħek mill-vjaġġ tiegħek s'issa (pittura, skultura, arkitettura....l-għażla f'idejk) u ħażżiżha fil-paġna li jmiss.**

# L-6 ĠURNATA

# L-7 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Jekk qed tesplora l-Finlandja, qis li tmur iżżur sawna. Hemm iktar sawnas fil-Finlandja milli karozzi!

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**



## *Sfida tal-ġurnata!*

Xi kultant, l-affarijiet ma jmorrux kif tkun ippjanajthom.
Anki l-esploraturi bl-ikbar esperjenza għandhom l-isfidi tagħhom!

Fil-paġna li jmiss, iddeskrivi xi problema mhux mistennija li ltqajt magħha tul il-vjaġġ u spjega kif irnexxielek tegħlibha.

# L-7 ĠURNATA

# L-8 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Porto, il-Portugall, hija famuża għall-pontijiet tagħha. Imma kont taf li 2 minnhom kienu maħluqa minn Gustave Eiffel - il-moħħ ewlieni wara t-Torri Eiffel?

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## Sfida tal-ġurnata!

L-ivvjaġġar mhu xejn ħlief vjaġġ mimli skoperti mhux magħrufa.

Ipprova speċjalità mill-pajjiż fejn qiegħed u ddeskrivi t-togħma:

# L-8 ĠURNATA

# L-9 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Fil-fond taħt is-Slovenja hemm l-Għar ta' Postojna - wieħed mill-ikbar canyons ta' taħt l-art fid-dinja.

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## Sfida tal-ġurnata!

Ejja ħa nsiru nafu l-pajjiż li qiegħed fih. Żur monument jew bini storiku u spjega għaliex huwa mportanti għall-istorja ta' dak il-pajjiż.

# L-9 ĠURNATA

# L-10 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Hemm 170,860km ta' linji ferrovjarji fl-Unjoni Ewropea!

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

Tinsab fl-10 ġurnata tiegħek minn meta bdejt il-vjaġġ! Kemm il-vjaġġatur ieħor ta' DiscoverEU ltqajt magħhom?

Ikteb dwar 3 minnhom (u żid id-dettalji tal-kuntatt tagħhom biex tibqa' f'kuntatt!):

# L-10 ĠURNATA

# L-11 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Il-Heilig-Geist Kirsche hija knisja mżejna b'mod vera sabiħ f'Munich, il-Ġermanja. Jekk tħares bir-reqqa lejn il-pittura mas-saqaf, tkun tista' tara kavallier iżomm pretzel!

ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

*Sfida tal-ġurnata!*

Min jaf il-belt iktar min-nies li jgħixu fiha?

Staqsi lil xi persuna tal-post għal suġġerimenti dwar x'għandek tara, fejn għandek tmur u x'għandek tiekol. Punti bonus jekk tista' tagħmel hekk fil-lingwa tagħhom!

X'irrakkomandaw?

# L-11 ĠURNATA

# L-12 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

L-itwal vjaġġ li tista' tagħmel madwar l-Ewropa bla ma tbiddel ferrovija huwa minn Pariġi sa Varsavja. Dak 1,600km!

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

DiscoverEU huwa sempliċement dwar kif tiltaqa' man-nies – u kif tgħinhom, allura għaliex ma tippowstjax fuq il-grupp uffiċjali #DiscoverEU ta' Facebook? Tista' tippowstja suġġerimenti għal vjaġġaturi oħra jew toffri li tiltaqa' magħhom fil-belt fejn tinsab. L-għażla f'idejk! Iddeskrivi r-risposti li rċevejt fil-paġna li jmiss.

# L-12 ĠURNATA

# L-13 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA:

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Jekk ser tivvjaġġa lejn il-Greċja u tħobb it-teatru, se ssib xortik. Ateni għandha 148 palk – iktar minn Broadway u West End flimkien.

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

Kont taf li l-bandiera Irlandiża bi tliet kuluri kienet rigal minn Franza? Jew li l-bandiera tal-Latvja għandha r-reputazzjoni li tmur lura għall-1279, li tagħmilha waħda mill-eqdem fl-Ewropa?

Pinġi l-bandiera tal-pajjiż fejn tinsab:

# L-13 ĠURNATA

# L-14 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

L-iktar sport famuż fiċ-Ċekja huwa l-hockey fuq is-silġ. Forsi qed tivvjaġġa waqt ix-xhur sħan, imma għaliex ma tarax logħba waqt li tkun hemm?

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**



## *Sfida tal-ġurnata!*

L-ivvjaġġar f'pajjiż jinvolvi iktar milli sempliċement timxi fit-toroq tiegħu. Jeħtieġ li ttiehem, ixxomm u tisma' l-kultura tar-reġjun. Liema kanzunetta bħalissa qiegħda fl-#1 post taċ-ċarts mużikali tal-pajjiż fejn tinsab? Ikteb it-titlu u l-artist hawn isfel u ismagħha!

# L-14 ĠURNATA

## L-15 ĠURNATA

**FEJN QIEGĦED?**

**DATA:**

### SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Ma tistax tmur it-Torri Mmejjel ta' Pisa? Minflok mur Kraków - it-Torri tal-Kunsill Lokali huwa mmejjel bi kważi 55cm.

### ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

### TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

### Sfida tal-ġurnata!

Diġà ilna iktar minn ġimagħtejn nivvjaġġaw, allura tajjeb li niċċekkjaw malajr il-baġit. Uża l-ispazju t'hawn taħt biex tiċċekkja l-baġit li użajt s'issa (kun onest!) kif ukoll kemm għad fadallek għal kull ġurnata.

# L-15 ĠURNATA

# L-16 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Sibiu hija l-ġojjell medjevali tar-Rumanija, fejn issib knejjes gotiċi, pjazez miftuħa u toroq żgħar li jserrpu. Għaliex ma tieqafx hemm?

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika Illum tgħallimt:

## Sfida tal-ġurnata!

Bonjour! Tere! Olá! Здравей! B'kemm il-lingwa Ewropea tista' tgħid ħelow? (Ħjiel: tajnik 4 hawn fuq!)

# L-16 ĠURNATA

# L-17 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

L-aħjar mezz kif tara l-Belt tal-Lussemburgu huwa bir-rota - u tista' tikri waħda b'xejn għall-ewwel 30 minuta!

ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

*Sfida tal-ġurnata!*

**Mill-poeta Franċiż Baudelaire sal-awtur Finlandiż Tove Jansson, l-Ewropa hija magħrufa għall-kittieba tagħha. Min huwa r-rumanzier, id-drammaturgu jew il-poeta l-iktar famuż mill-pajjiż fejn qiegħed bħalissa?**

# L-17 ĠURNATA

# L-18 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Interessat fl-arti imma ma tistax tmur Parigi? Il-mużew tal-Palais des Beaux-Arts f'Lille għandu t-tieni l-ikbar kollezzjoni tal-arti wara l-Louvre fi Franza.

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika **Illum tgħallimt:**



## *Sfida tal-ġurnata!*

Bħala vjaġġaturi DiscoverEU, aħna qegħdin kollha hawn biex nitgħallmu minn xulxin. Aħseb dwar vjaġġatur DiscoverEU wieħed li ltqajt miegħu s'issa u ikteb 3 affarijiet li qallek fuq il-familja, il-kultura jew il-pajjiż tiegħu:

# L-18 ĠURNATA

# L-19 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Ateni u Cadiz huma magħrufa sew li huma fost l-eqdem bliet tal-Ewropa, imma kont taf li Plovdiv, il-Bulgarija, tmur lura saħansitra 6,000 sena ilu?

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika
**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

Ejja nsiru ħbieb tan-natura! Hemm ħafna modi kif tista' tivvjaġġa b'mod sostenibbli bħal meta tuża trasport pubbliku, tippreserva l-ilma u tiekol ħaxix tal-istaġun. Iddeskrivi 3 affarijiet li għamilt biex tagħmel il-vjaġġ tiegħek sostenibbli:

# L-19 ĠURNATA

# L-20 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Durbuy fil-Belġju għandha dritt għall-fama bħala l-iċken belt fid-dinja kollha. Għaliex ma tmurx taraha int stess?

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-gurnata!*

Tista' ssib l-eqdem bini fil-belt fejn tinsab?
Ikteb ismu hawn taħt jew inkella ħu ritratt jew pinġih fil-paġna li jmiss.

# L-20 ĠURNATA

# L-21 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Qed tipprova tipprattika l-ħiliet lingwistiċi tiegħek? Ipprova l-Litwan - hija waħda mill-eqdem lingwi li llum hawn fid-dinja.

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

Tbissem, ġej ir-ritratt! Ħu selfie mal-bini jew mal-panorama favorita tiegħek fil-post fejn tinsab bħalissa u ibgħatulna bi tweet bil-hashtag #DiscoverEU u #Companion.

# L-21 ĠURNATA

## L-22 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA:

### SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Lest għal plogg? Jekk ser tmur l-Iżvezja, għaliex ma tippruvax "plogging" – il-passatemp Żvediż li jikkombina l-jogging mal-ġbir tal-iskart. Huwa tajjeb għall-ambjent u tajjeb għal saħħtek!

### ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

### TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

### Sfida tal-ġurnata!

L-ambjent tagħna qed jiffaċċja sfida kbira – illum l-oċeani għandhom iktar minn 150 miljun tunnellata plastik. Tista' tgħaddi ġurnata sħiħa mingħajr ma tuża oġġetti tal-plastik li tużahom darba biss?

# L-22 ĠURNATA

# L-23 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Il-moviment tal-islow food – li jippromwovi l-użu ta' ingredjenti lokali fikliet tradizzjonali jew reġjonali – beda fil-villaġġ Taljan ta' Bra, ħdejn Turin. Għalfejn ma tippruvahx?

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**



## *Sfida tal-ġurnata!*



Ipprepara l-kordi vokali! Tgħallem l-ewwel 5 linji tal-innu nazzjonali tal-post fejn tinsab. Kantahom b'vuċi għolja u ddeskrivi x'qed ikantaw.

# L-23 ĠURNATA

L-24 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Tixtieq tqatta' ftit ħin fin-natura selvaġġa? 54% tal-Latvja hija miksija bil-foresti, u allura perfetta għal xi żjara qasira fil-foresta.

ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

Illum tgħallimt:

*Sfida tal-ġurnata!*

Minn Pompidou sa Prado – l-Ewropa għandha wħud mill-aqwa mużewijiet fid-dinja.

Illum żur mużew u ikteb 3 affarijiet li tgħallimt:

# L-24 ĠURNATA

# L-25 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Tmut għal xi ħaġa ħelwa?
Malta famuża għall-għasel
- hu eżatt permezz tiegħu
li ħadet isimha l-għira.
Għaliex ma tippruvax
xi ftit jekk tmur?

## TAL-ĠENN

xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**



## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT
INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## *Sfida tal-ġurnata!*

Wara 25 ġurnata ta' vvjaġġar, issa
sirt professjonista ta' kif tieħu kemm
tista' minn kull ċenteżmu, penny,
grosz jew ban.
Tina l-aqwa 3 suġġerimenti
kif tivvjaġġa b'baġit:

# L-25 ĠURNATA

# L-26 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Tixtieq tgħatta' nofstanhar iddur il-ħwienet? Strøget f'Copenhagen, id-Danimarka, hija l-itwal triq pedonali fid-dinja.

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

L-Ewropa hija magħrufa għal ħafna lingwi u għall-ikel eċċellenti tagħha – mela ejja ngħaqqduhom f'daqqa fl-isfida tal-lum. Kapaċi tordna l-ikla ta' filgħaxija tiegħek bil-lingwa lokali? Iddeskrivi x'ħadt u kif saqsejt għaliha:

# L-26 ĠURNATA

# L-27 ĠURNATA

## FEJN QIEGĦED?

DATA

### SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Fanatiku dwar l-istorja? Il-belt kollha ta' Paphos, Ċipru, hija Sit ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO. Perfetta biex iżżur u tassorbi l-passat.

### ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

### TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**



### *Sfida tal-ġurnata!*

Aħseb lura f'kull min iltqajt miegħu f'dan il-vjaġġ madwar l-Ewropa. Ma' kemm il-nazzjonalità ġejt f'kuntatt? Niżżilhom kollha hawn:

# L-27 ĠURNATA

# L-28 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA:

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Qed tfittex li żżur pajsaġġ differenti? Ipprova bogshoeing (bħal żraben tas-silġ) fil-Park Nazzjonali ta' Lahemaa fl-Estonja.

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

**Illum tgħallimt:**

## *Sfida tal-ġurnata!*

Minn kafè Grieg (magħmul f'briki) sa espresso Taljan, l-Ewropej huma famużi għall-kafè tagħhom. Bla dubju mort ġo xi kafetterija waqt il-vjaġġ tiegħek s'issa, allura ejja nitkellmu dwar il-kwistjoni. Fejn xrobt l-aħjar tazza kafè?

# L-28 ĠURNATA

L-29 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA

SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

L-Orgni tal-Baħar f'Zadar, il-Kroazja, juża l-moviment tal-mewġ tal-baħar li jgħaddi minn serje ta' pajpijiet biex jagħmel il-mużika. B'hekk, il-ħoss jiġi u jmur meta jrid imma jikkalmak. Għax ma tmurx iżżuru u tisimgħu?

ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika

Illum tgħallimt:

*Sfida tal-gurnata!*

Li tagħmel esperjenzi ġodda u tipprova affarijiet ġodda huwa mod tajjeb ħafna kif tifhem iktar dwar l-Ewropa. Madankollu, kemm hu aħjar meta tipprova affarijiet ġodda bla ħlas! Iddeskrivi l-aħjar esperjenza li kellek li għaliha ma ħallastx flus sakemm kont fuq il-vjaġġ DiscoverEU:

# L-29 ĠURNATA

# L-30 ĠURNATA

FEJN QIEGĦED?

DATA:

## SUĠĠERIMENTI DWAR IL-VJAĠĠ

Min iħobb l-arkitettura għandu jmur Bilbao, Spanja. Il-katidral ta' Santiago ġo Bilbao u l-Guggenheim ta' Frank Gehry huma biss 2 attrazzjonijiet.

## ATTRAZZJONIJIET KULTURALI

L-IKTAR POST JEW AVVENIMENT INTERESSANTI LI ŻORT ILLUM KIEN:

## TAL-ĠENN

Xi ħaġa fantastika **Illum tgħallimt:**

## Sfida tal-ġurnata!

Ħares lejn il-mammi tal-biljetti li ġemmajt matul il-vjaġġ (minn mużewijiet, galleriji, ferroviji, metros, attrazzjonijiet) u agħżel dik li għandek l-aħjar memorja tagħha. Waħħalha fil-paġna li jmiss u ddeskrivi għalfiex għażiltha!

# L-30 ĠURNATA

# AKTAR PARIRI DWAR L-IVVJAĠĠAR BIEX IL-VJAĠĠ tiegħek IKUN KIF TMISS IL LIĠI !

## L-Iżlanda



**Tixtieq tirrilassa?**
Tinsiex tieħu għawma f'waħda mill-għadajjar ġeotermali sħan b'mod naturali, li jinsabu mifruxa madwar l-Iżlanda.

## IN-NORVEĠJA

Stavanger huwa l-portal għal fost wieħed mill-aktar pajsaġġi tan-Norveġja li jgħaxxqu l-għajn. Imxi sa Preikestolen għal veduti tal-ġenn tal-fjord.



## Il-Liechtenstein



Vaduz hija ċkejkna iżda miżgħuda sorpriżi. Żur il-Kunstmuseum ta' Liechtenstein – "kaxxa sewda" impressjonanti tal-arti moderna.



## IS-SERBJA

Għandek aptit idduq l-ikel tat-triq? Fis-Serbja, ipprova l-pljeskavica tard filgħaxija (burger tal-Balkani).




ĠAWHAR MOĦBIJA

## IT-TURKIJA

Lest għal xi maġija fit-Turkija? Skopri l-Park ta' Sazova ta' Eskişehir bil-kastell tal-ħolm tiegħu, ispirat minn ħrejjef magħrufa.



## IL-MAĊEDONJA TA' FUQ



Bitola, il-Maċedonja ta' Fuq, hija miżgħuda faxxinu storiku. Ippassiġġa tul il-Shirok Sokak, triq fejn jistgħu jimxu n-nies li hi mimlija ħajja miksija b'bini neoklassiku mlewwen.

## ĦARSA LURA LEJN IL-VJAĠĠ DiscoverEU TIEGĦI

M' intix ser taqta' x'ġara!

Ikteb l-aħjar anedotti mill-vjaġġ hawn taħt:

# IN-NUMRI WARA L-VJAĠĠ

## KEMM...

| | |
|---|---|
| ...il-ġurnata qattajt tivvjaġġa? | ........... |
| ...il-pajjiż żort? | ........... |
| ...il-belt esplorajt? | ........... |
| ...għamilt ħbieb ġodda? | ........... |
| ...il-kilometru vvjaġġajt? | ........... |
| ...il-mużew żort? | ........... |
| ...il-ferrovija ħadt? | ........... |
| ...il-darba ntlift? | ........... |
| ...il-post se terġa' żżur? | ........... |




Ħu ritratt tal-paġna favorita tiegħek f'dan id-djarju u xxerjah fuq Facebook u Instagram biex turi lill-ħbieb kemm ħadt gost waqt dan il-vjaġġ madwar l-Ewropa. Tinsiex tuża l-hashtags

**#DiscoverEU** **#Companion** **#Competition**



L-impressjoni ġenerali tiegħi dwar dan il-vjaġġ kienet...













# GĦALIJA L-EWROPA TFISSER















# Li tkun Ewropew tfisser






Liema kienet it–tagħlima l–iktar importanti li tgħallimt? X' kont tagħmel differenti?




Tista' taħseb fi tliet pariri li kieku tagħti lill–vjaġġaturi DiscoverEU tas–sena d–dieħla qabel ma jibdew il–vjaġġ?



# IT-TMIEM TAL-ISTORJA?



U żgur li le! Fil-fatt, ta' 18-il sena, DiscoverEU mhuwiex ħlief il-bidu tal-vjaġġ tiegħek. L-Unjoni Ewropea qiegħda hemm biex tgħinek fi kwalunkwe triq li tagħżel. Ħares lejn it-3 inizjattivi fil-paġna li jmiss - kollha jgħinuk biex tesplora l-Ewropa, titgħallem xi ħaġa ġdida, tiltaqa' ma' nies minn madwar il-kontinent u tgħin lil dawk fil-bżonn.

Bħala persuna żgħażugħa fl-Unjoni Ewropea, dejjem hemm avventuri ġodda.



Korp Ewropew ta' Solidarjetà

ERASMUS+

Segwina fuq Facebook u Twitter
@EuropeanYouthEU,
jew fuq Instagram @european_youth_eu

## EURES

## Eurodesk

Eurodesk huwa l-għajn tiegħek għal opportunitajiet eċċitanti biex titgħallem, tagħmel volontarjat jew taħdem barra minn pajjiżek. Qegħdin hawnhekk biex ngħinuk issemma' leħnek u tieħu l-ewwel pass lejn esperjenzi kif tmiss il-liġi.

**Ibda l-vjaġġ tiegħek b'Eurodesk!**

## Kif tikkuntattja lill-UE

### Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

### Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:
— bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
— fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
— bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

## Kif issib tagħrif dwar l-UE

### Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: https://publications.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu

### Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (http://data.europa.eu/euodp/mt) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

*Printed by Bietlot in Belgium*

Il-manuskritt tlesta f'2019

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

© L-Unjoni Ewropea, 2019

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).
Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.


| | | | |
|---|---|---|---|
| PDF | ISBN 978-92-76-09136-3 | doi:10.2766/464050 | NC-02-19-381-FR-N |
| PRINT | ISBN 978-92-76-09139-4 | doi:10.2766/31784 | NC-02-19-381-FR-C |